MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Avviz Numru. 28/2008

**M. Demajo (Timbers) Ltd (C 750)**

**Vs**

**Timberland Limited (C 16878)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ ghaxart elef, tmienja u tmenin euro u disgha u disghin centezmi (€10,088.99) ekwivalenti ghall-erbat elef tlett mija u wiehed u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm4,331.20) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok ‘A’.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors

u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fit-3 ta’ Marzu, 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------